MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

07 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
MARISA ABELA – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd minn dawk li kellhom ikunu preżenti għall-laqgħa kien fil-ħin.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1 Inqrat l-ittra t'apoloġija tas-Sinjura Abela li tinsab ma tiflaħx.

## 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

31.2.1 Il-minuti ġew approvati.

Is-Sur Stefan Cordina ssospenda laqgħa sabiex tinqara imejl tas-Sinjura Anna Schembri. Din l-imejl tittratta l-izvilupp propost fi Triq Dun Mikiel Xerri li għalissa għadu taħt Planning Control b'numru PC61/16, li f'seduta li saret ftit tal-ġranet ilu għaddew xi deċizjonijiet u talba sabiex il-Kunsill jara x'azzjonijiet iktar ħa jieħu fir-rigward ta' dan l-iżvilupp, sabiex jiġi salvagwardjat l-interess tar-residenti. Is-Sinjura Schembri rreferiet għal xi tip ta' inizjattiva bil-Qorti li l-Kunsill jista' jieħu. Is-Sur Cordina qal li wara li ħa parir jirriżulta li jekk il-Kunsill jieħu xi forma ta' pass legali u wara xorta jgħaddi dak propost minn PA, il-Kunsill jista' jiġi mfittex għad-danni u telf ta' ħin.

Is-Sur Cassar qal li l-aħjar ħaġa li tista' ssir hi li jsir appell lill-Ministru responsabbli qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq deċiżjoni li ttieħdet snin ilu dwar ir-*rationalisation* tal-*boundaries.* Apparti hekk, qal is-Sur Debono, ma jsirx appell fuq PC għax kull ma ntqal li l-bini ma jridx jogħla iktar minn 17.5m. Għandha tintbagħat ittra lill-Ministru konċernat.

## 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

31.3.1 Imejl mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex isir trinkar fi Triq il-Kbira minħabba xi ħsara fuq mejn. Hu qal li ma qabilx li t-triq tinfetaħ qabel il-festa u xorta jrid jara xi jrid isir minħabba li hemm l-aċċess għar-residenti u ħwienet. Għandhom jitkomplew id-diskussjonijiet.

31.3.2 Sta. Katerina sa fl-aħħar se ssir kollha wara ħafna diskussjonijiet.

31.3.3 Imejl mingħand CRPD minħabba l-inaċċessibilita' tal-bankina u dan ġej mis-siġar li l-għeruq tagħhom tellgħu il-bankina kollha. Is-Sindku qal li meta tressqu proposti biex it-triq issir one-way u tkun tista' titwessa l-bankina Transport Malta ma qablitx. Il-bankina hi dejqa u tirranga kemm tirranga ħa jibqa' jtella' kollox. Għandhom jitkomplew id-diskussjonijiet sew ma' Transport Malta u tintbagħat risposta f'dan is-sens.

31.3.4 Proposta għar-*writing off* ta' dawn l-invoices minħabba li jew min kellu jagħmel is-Sinjal qatt m'għamlu jew baqgħu ma tħallsux dawn il-fatturi maħruġa:
Café Deli €249.41
Merc E.L James €250.00

Philip Agius and Sons €380.28
Remax €349.41

Kulħadd qabel.

31.3.5 Li kellu jinxtara Portable AC għal valur ta' € 370 ta' malajr minħabba l-korsijiet tar-Robotica u s-sħana qawwija li kien hemm fil-kamra. Inġabu tlett kwotazzjonijiet minn fuq Maltapark u nxtara l-iktar wied addattat. Ħadd m'oġġezzjona.

31.3.6 Saret l-Evalwazzjoni tat-Tenders u jonqos biss li jintgħażlu l-Kuntratturi. Hu qal li ċertu riżultati kienu ovvji għax kienu l-irħas imma oħrajn kellhom jaraw liema huma l-affarijiet li iktar jagħmel użu l-Kunsill u jintgħażlu fuq dak il-kriterji.

31.3.7 Li Jum H'Attard u l-iffirmar mill-ġdid tat-*Twinning Agreement* ha jsir fis-Sala Antoine De Paule, Palazz tal-President. Is-Sinjura Scerri qalet li din is-Sala hi ftit żgħira.

## 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

31.4.1 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- Li jiġi disinjat poster għal fuq fb biex isir użu tajjeb mill-bins waqt Eko-festa.
- Li l-fjuri li nżergħu mietu kollha u hemm bżonn li naraw ftit biex dak li miet jiġi mibdul u x'se jsir wara li jiskadi l-*maintenance agreement* ta' sena.

31.4.2 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Li jinbidlu l-kaxxi tal-pjanti tal-Pjazza, jekk mhux kollha dawk imkissrin. Is-Sinjura Scerri insistit li dan għandu jsir.
- Li jitnaddaf Wied Irmiedi. Dan se jitnaddaf skond l-iskeda hekk kif infurmati mis-sezzjoni tat-tindif tal-widien fix-xahar ta' Settembru u xorta ha jiġi nkluż ma' xogħol ta' volontarjat li ħa tagħmel kumpanija privata.
- Li l-bins tal-Pjazza huma *eyesore* u għandhom jitpoġġew post ieħor.
- Li l-knis reġa qatgħa lura. Is-Sur Cordina qal li fuq il-bins għadhom għaddejjin bil-kwotazzjonijiet u li l-knis qed jieħu ħsiebu personali billi jdur mal-kuntrattrattur it-toroq u saħansitra laqqa' l-ħaddiema tiegħu biex fejn kien hem nuqqasijiet jitranġaw. Dan barra li l-Ko-ordinatur tal-Kuntratti l-ħin kollu jibgħat rendikonti permezz tal-imejls.

31.4.3

Is-Sur Raymond Azzopardi talab li:

- Ssir roundabout fl-area ta' Zahar, Laring u Taħħan. Is-Sur Cordina qal li waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet il-Kunsill talab biex isir xi ħaġa fl-area u kien sar disinn imma x-xogħol riedu li jsir mill-Kunsill. Il-Kunsill m'għandux fondi biex isiru tali proġetti imma se ssir pressjoni mal-Ministru Borg biex forsi ssir mill-Ministeru.
- Qed jitħalla skart mill-Pitkalija
- Biex jissewwa *culvert* faċċata ta' Triq l-Għarix u jiżdiedu xi barriers.

Fil-fatt is-Sur Cordina lmenta bi kbir li Transport Malta mhux vera *safety first* għax kien hemm
31.4.4 każijiet fejn ġew rifjutati toroq *one-way* biex jiġu akkomodati persuni fuq bażi ndividwali.

Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- Ir-*retention money* ta' ELC.  Is-SE qalet li ma kienx hemm għax minflok kien hemm *free maintenance agreement* ta' sena.
- Biex nibqgħu ninsistu fuq il-preżentazzjoni tal-proġett ta' Triq Dun Mikiel Xerri sabiex jibgħatuhielna.

31.4.5

Is-Sinjura  Connie Scerri qalet li:

- Attendiet Seminar fuq inizjattiva ta' *Roof Gardens*.
- Wara li jgħaddi s-Sajf se jinżergħa Pittusporum f'Gardina Frans Dingli mill-kuntrattur Charles Gauci.

## 31.5 Rapporti

31.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 31.6 Proposti: *European Waste Reduction Week u Bicycle Sharing Scheme*

31.6.1 Il-proposti gew imressqa hekk kif jidher hawn taht:

### European Waste Reduction Week

Swap Shop – Jumble Sale b'xejn

Kif taħdem: Ir-residenti jintalbu jġibu affarijiet li m'għadx għandhom bżonn aktar, imma li ħaddieħor jista' jiġi bżonn, jew affarijiet li jistgħu jiżżarmaw għal parts li ħaddieħor jista' jiġi bżonn. Tiġi identifikata ġurnata l-aħjar is-Sibt, minn 8am sa 3pm l-Area ta' Santa Katerina.

Ikun hemm bżonn persuna mal-i'stazzjon', u xi canvas biex jinfirex mal-art biex fuqhom jitpoġġew l-affarijiet – canvas tal-billboards qodma huma ideali.

Il-persuni jew negozji li jieħdu materjal mill-'jumble sale' huma responsabbli biex jiddisponu minnhom b'mod responsabbli jekk u meta ma jkollhomx użu għall-materjal li jkunu ħadu. Mhux permess l-iskart riċiklabbli li jinġabar solitament fir-recycling banks jew fil-borża tar-riċiklaġġ, ikel, u skart perikoluż bħaż-żjut, *solvents*, likwidi ta' kull tip u żebgħa.

Isir *leaflet* u *advertising* tajjeb qabel l-attivita'.

Fl-aħħar tal-ġurnata li jifdal jinġabar minn *waste carriers* awtorizzati u jittieħed f'ċentru tal-Wasteserve.

### Bicycle Sharing Scheme – Ħ'Attard

Sejħa għal operatur ta' bicycle sharing b'stazzjonijiet apposta f'Ħ'Attard.

Il-Kunsill Lokali jilqa' proposti għal bicycle sharing scheme f'Ħ'Attard. L-operatur jkun mitlub joffri ukoll bicycle racks ta' tip 'Sheffield' f'diversi punti f'Ħ'Attard, jgħin lill-Kunsill fi żvilupp u implimentazzjoni ta' politika dwar il-mobilita' sostenibbli f'Ħ'Attard u possibbilment f'kollaborazzjoni ma' lokalitajiet oħra fil-viċin, u jorganizza flimkien mal-Kunsill ġurnata fis-sena iddedikata lill-mobilita' sostenibbli. Proposti jintlaqgħu sa ...

## 31.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

31.7.1 Approvati.

## 31.8 Mozzjonijiet; u

31.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 31.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

31.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Settembru 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 12 ta' Settembru 2017.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv